MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 88/2004/1

**Maria Consiglia sive Connie Galea**

**vs**

**Joseph Mifsud, John Mifsud, Maria Dolores sive Doris Mallia ahwa Mifsud, Marika Axiaq u Christopher Desira.**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti Maria Consiglia sive Doris Galea li jghid hekk:

Illi hi ilha tikri, llum minghand hutha, l-hanut f'numru 2, Triq San Pawl, iz-Zejtun, bil-kera ta' sittin lira Maltija (Lm60) fis-sena, pagabbli bi skadenzi ta' Lm 30 kull sitt xhur.

Illi fit-12 t'Ottubru 2004 l-esponenti giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru 2004, kopja annessa, fejn giet interpellata illi l-kera dovuta minnha fil-15 ta' Frar 2005 kellha tkun ta' Lm250, zieda li tfisser Lm500 fis-sena minn Lm60 kif inhi llum.

Illi l-esponenti ma taccettax din iz-zieda ezagerata fil-kera tal-hanut fuq indikata u lanqas ma jimmerita tali zieda fil-kera l-istess hanut.

Illi l-esponenti sadattant hallset u ghandha d-debita rcevuta tal-kera sal-14 ta' Frar 2005 minn ghand hutha Tony Mifsud u Rosario Mifsud, ko-proprjetarji mal-intimati, tal-istess hanut.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jichad it-talba ufficjali tal-intimati, kif dedotta fl-ittra ufficjali fuq indikata, u kif rizultanti fil-kopja annessa mal-prezenti.

Bl-ispejjes kontra l-intimati ngunti in subizzjoni minn issa.

Ra r-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi mhux minnu li z-zieda fil-kera mitluba mill-esponenti hija esegerata.

Illi lanqas ma huwa minnu illi l-istess hanut ma jimmeritax tali zieda.

Semgha x-xhieda;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi jikru lir-rikorrenti il-fond konsistenti f'hanut f'numru 2, Triq San Pawl, Zejtun versu l-korrispettiv ta' sittin lira maltin (Lm60) fis-sena ekwivalenti ghall-E139.76. Permezz ta' ittra ufficcjali tas-7 ta' Settembru, 2004, mibghuta mill-intimati, l-istess infurmaw lir-rikorrenti illi

mill-iskadenza tal-15 ta' Frar 2005, il-kera kellha tkun awmentata ghall-Lm500 fis-sena illum ekwivalenti ghall-Lm1164.68;

Illi dan il-fond ilu mikri lir-rikorrenti ghall madwar 34 sena (ara xhieda tar-rikorrenti moghtija f'Gunju 2006 fol. 19) u jintuza bhala bazaar mir-rikorrenti li qed topponi l-awment ghaliex minkejja li tircievi l-pensjoni, mill-hanut de quo ma taqlax dak l-ammont.

Illi l-periti teknici membri tal-Bord assenjati biex jassituh f'din il-materja teknika, wara li hadu in konsiderazzjoni dak kollu li hu relevanti ghal kaz, irrelataw illi l-kera attwali diga jeccedi l-erbghin fil-mija fuq il-kera xieraq li bih l-istess fond kien mikri, jew li seta' jinkera qabel l-04 ta'Awissu 1914 a tenur tal-artikolu 5(b) tal-Kap 109 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi il-Bord jaghmel tieghu id-decide tal-periti membri u ghalhekk jilqa t-talba tar-rikorrenti u jichad l-awment fil-kera pretiz mill-intimati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------